**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJ, 16 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 304/01 AJD*

Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emanuel Schembri sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Felix Lia

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u hamsin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm156.54), rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilsitiku tal-24 ta' Settembru, 2000, fi Triq ic-Cimiterju, Zabbar, bejn il-vettura numru LAI 284 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DAV 547 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurat Emanuel Schembri, liema incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici u Lm5.75 tal-konsult legali, u bl-imghax legali mid-data tal-Avviz.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' George Said, rappresentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici u ta' Emanuel Schembri, l-assikurat

tas-socjeta' attrici, li xehed dwar id-dinamika tal-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

1. Illi mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici jirrizulta ampjament li l-konvenut Felix Lia kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-24 ta' Settembru, 2001, u dana peress illi huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni LAI 284 kontra s-sinjal tal-'One Way' meta baqa' diehel fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAV 547 misjuqa minn Emmanuel Schembri, l-assikurat tas-socjeta' attrici, li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mal-istess socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni sofferti fil-vettura tieghu.

2. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal mija u sitta u hamsin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm156.54) hekk kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti fis-seduta tas-26 ta' Gunju, 2001, u mmarkati bhala Dok. GS3 sa 6.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u hamsin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm156.54) bl-imghaxijiet pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR